MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Avviz Numru. 282/2002/1

**Nazzareno maghruf bhala Ronnie Micallef**

**Vs**

**Joseph u Mary Doris konjugi Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta' elfejn hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm2522.33) rapprezentanti bilanc ta' import ta' sebgha u ghoxrin kambjala skaduti, accettati u firmati mil-konvenuti.

Bl-ispejjes. Inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Marzu 2002 u tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Mejju 2002 (fol 8 tal-istess atti) minn fejn jidher li kien deher il-konvenut, wahdu, u kien ddikjara li ser jikkontesta t-talba attrici u ‘li l-ammont fil-bicca l-kbira gie mhallas permezz ta’ xoghol’ waqt li din il-Qorti taghtu l-fakolta li jippresenta l-eccezzjonijiet tieghu bil-miktub biz-zmien hemm prefiss.

Rat, ukoll dak verbalizzat waqt is-seduta tat-18 ta’ Novembru 2002 (fol 9 tal-istess atti) u li l-konvenut, filfatt, ma ppresenta ebda nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-attur (fol 13 ibid) u li biha irriduca l-ammont pretiz fl-avviz fis-somma ta’ Lm345 ‘……stante pagament fil-mori tal-kawza’.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi a) l-konvenut, bl-ebda mod, ma ssottometta xi prova in sostenn ta’ dak eccepit minnu, verbalment, kif hemm fuq premess. b) l-attur, kif jidher mix-xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti, fis-seduta tallum stess, ikkonferma li l-ammont kif ridott, hu dovut mill-konvenuti lill-istess attur.

Illi ghalhekk, it-talba attrici, kif ridotta, ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta’ Lm345 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta’ Marzu 2002 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju, bla data u bla numru, imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------